**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 115/14 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut C D, minn liema relazzjoni twieldet it-tifla K D nhar l-ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011);
2. Illi dina r-relazzjoni intemmet bejn il-partijiet u l-imsemmija tifla binthom qed titrabba esklussivament mill-attrici, filwaqt li l-konvenut jaraha regolarment;
3. Illi permezz ta' digriet tal-11 ta' Frar 2014, dina il-Qorti ordnat illi l-imsemmija minuri tirrisjedi mal-esponenti

mentri l-konvenut ikollu access regolari ghaliha. Fl-istess waqt il-konvenut gie ordnat ihallas pendente lite s-somma ta' mitejn u tletin euro (€ 230) fix-xahar bhala manteniment ghall-imsemmija minuri;

4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata tressaq din l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014);
5. Illi l-attrici giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) (talba numru 158/2014)

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minorenni K D tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici b'dana illi l-konvenut jkollu access ghall-imsemmi bint minorenni K D skont dawk il-modalitajiet illi dina il-Qorti jidhrilha xierqa;
2. Tordna illi l-beneficcji u/jew ghajnuna socjali li jkun pagabbli lill-minorenni imsemmija jigu percepiti mill-attrici;
3. Tiffissa retta alimentarja adegwata ghall-istess minorenni mehud in konsiderazzjoni l-htigijiet taghha fir-rigward tas-sahha u edukazzjoni taghha, liema retta ghandha tigi perjodikament riveduta skont il-mezzi tal-konvenut u revisibbli skont l-gholi tal-hajja u dana sakemm l-istess binthom K D issir maggjorenni, liema retta ghandha tkun dovuta mid-data tat-twelid ta' l-istess binthom K D;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponenti jissottometti li r-rikors mahluf ma giex mahluf mir-rikorrenti u ghalhekk huwa null;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar l-ewwel talba l-esponenti jikkontendi li din ghandha tigi michuda u dana stante li l-attrici ma hijiex il-persuna idonea sabiex tigi affidata l-kura u l-kustodja tal-minuri K D u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; Illi fil-fatt l-attrici tuza biss lill-minuri bhala sors ta' dhul u xejn aktar u lanqas biss titmaghha ikel addattat ghat-trabi jew tohrogha jew tirsisti sabiex il-minuri tespleta portenzjal taghha ta' tarbija; Illi ghandha tkun l-intimata li jkollha access iffissat favuriha tenut kont li l-esponenti jixtieq li l-minuri tigi affidata fil-kura tieghu;
3. Illi dwar it-tieni talba din ukoll ghandha tigi michuda u dana stante li ghandu jkun l-esponenti li jiehu beneficcji jekk ikun hemm ghall-minuri u dana tenut kont li l-esponenti ser jaghmel l-almu tieghu sabiex il-minuri tigi affidata lill-genitur li l-aktar kapaci li jaghtiha dak li jiggarantilha stabilita u kura adegwata li tixraq lil kull wild;
4. Dwar it-tielet talba, l-esponenti jikkontendi li l-manteniment ghandu jigi likwidat u jkun hemm ordni li dan jinghata lilu minghand l-attrici;
5. Salv eccezzjonijiet ohrajn permessibbli mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum :

Ikkunsidrat :

Illi il-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustodja tal-minuri, access u hlas ta' manteniment ghall-minuri K D, fejn min-naha taghha l-attrici tikkontendi li ghandha tigi

fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri, *stante* li l-minuri qed titrabba esklussivament minnha.

Il-konvenut jopponi ghal din it-talba peress li skont hu, l-minuri qeghda tintuza mill-attrici ghall-iskopijiet taghha. Min-naha tieghu, il-konvenut ipprezenta kawza fuq l-istess mertu fl-ismijiet inversi numru 90/2014AL.

Illi l-Qorti tinnota, li skont il-verbal ta' din il-Qorti datat 30 t'April 2015[1], il-partijiet kien qablu illi l-provi li nstemghu fil-kawza nurmu 90/2014 jkunu japplikaw u jaghmlu stat ta' prova ghall-kawza odjerna.

**<u>Verzjoni ta' l-attrici</u>**

L-attrici tixhed permezz ta' affidavit[2] li fih hi tghid li kellha relazzjoni mal-konvenut u li minnu twieldet il-miunuri K D fl-20 t'Awissu 2011. Il-wild dejjem trabbiet mill-attrici b'mod esklussiv u l-konvenut kien jara lill-minuri regolarment. Skont l-attrici, l-konvenut qatt ma hallas manteniment, minkejja li l-minuri dejjem ikollha l-bzonnijiet ta' kuljum u minkejja li l-konvenut kien jipprovdi l-hrieqi lill-minuri, dan ma kienx jaghmlu b'mod konsistenti. L-attrici bdiet tiehu manteniment ghall-minuri wara l-11 ta' Frar 2014 meta din il-Qorti ordnat li l-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri, *pendente lite,* fl-ammont ta' mitejn u tletin Ewro (€230) fix-xahar, izda rigward spejjez ta' sahha u edukazzjoni l-konvenut ma kkontribwixxa xejn.

L-attrici terga' tixhed *viva-voce*[3]*,* meta fost affarijiet ohra ssemmi l-granet meta jkollu l-access ghall-minuri l-konvenut, u tghid li t-tifla l-konvenut jigborha minn vicin l-ghassa ta' Bormla

[1] Ara verbal a fol 104 tal-process numru 90/2014 fl-ismijiet D C vs B A
[2] Ezebit a fol 16 tal-process numru 115/2014AL fl-ismijiet B A vs D C
[3] Ara xhieda datata 22 ta' Ottubru 2015 a fol 37 et seq tal-process numru 115/2014AL fl-ismijiet A B vs C D

ghall-access u dan peress li gieli nqala xi kliem bejn il-partijiet. L-attrici tghid li t-tifla tghidilha li timmissajaha fil-*weekend*, u li meta tmur ghat-tifla fl-ahhar ta' l-access il-minuri qatt ma tibki.

**Verzjoni Konvenut**

Il-konvenut ukoll xehed permezz t'affidavit[4] li fih jaghmel numru t'allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-attrici u membri tal-familja taghha.

Il-konvenut jghid li l-partijiet ma kienux daqshekk preparati ghat-tarbija ghaliex l-attrici nqabdet tqila fi stadju bikri hafna tar-relazzjoni taghhom, madanakollu huwa dejjem kien lest li jiehu hsieb it-tarbija u jkun hemm ghaliha. Huwa jghid li dejjem kien hemm waqt it-tqala tal-attrici u fil-fatt kellhom relazzjoni tajba, madanakollu wara t-twelid tat-tarbija beda l-inwkiet bejn il-partijiet. Primarjament l-attrici telqet mix-xoghol u l-konvenut hass li kellha tikkonsultah dwar din id-decizjoni ghaliex skont hu, din id-decizjoni kienet biex tuza' lit-tifla biex huwa jibda jipprovdi ghaliha. Tant hu hekk, li wara li ftehmu li l-*allowance* tat-tifla ma jmissuhiex, l-attrici ma bdietx turih x'qed taghmel b'dawn il-flus. Hu jghid li l-attrici bdiet tghajjat u tissuppervja hafna darbi u ppruvat anke taghmel suwicidju. Il-konvenut temm ir-relazzjoni fuq parir ta' missier l-attrici, b'dan li tah il-garanzija li jara lill-minuri meta jrid, fil-fatt hekk gara u l-konvenut kien qieghed jara lil bintu ta' spiss. Xtaq ukoll il-kustodja, imma skont hu, beda jindahal missier l-attrici u skont hu, kien ftiehem ma' l-attrici li ma jhallasx manteniment izda jixtri lill-minuri xi affarijiet. Jallega wkoll li l-attrici ma ssajjarx u titma' lit-tifla mill-istess affarijiet ghal gimghatejn shah. Kuntrarjament ghal li tghid l-attrici, l-konvenut jghid li huwa dejjem hallas l-ispejjez ta' sahha tal-minuri. Il-konvenut jghid li huwa dejjem kien missier responsabbli u kien jahseb ghall-bintu

[4] Ezebit a fol 39 et seq tal-process numru 90/2014AL fl-ismijiet D C vs B A

u kien johrogha u jaghmel attivitajiet kreattivi ma' bintu, kuntrarju ghall-attrici li skont hu qatt ma taghmel dawn l-attivitajiet mal-minuri. Il-konvenut jerga' jtenni li t-tifla kienet imgerfxa u li kieku mhux ghall-ghajnuna tieghu, il-minuri ghadha hekk, u jghid ukoll li l-attrici jinteressawha biss il-flus, u ghalhekk ma jistax jifhem ghalfejn l-attrici fethet il-medjazzjoni, tant li ghadu ixxukkjat. Hu jghid li jhossu mwegga' bl-allegazzjonijiet li ghamlet l-attrici fil-konfront tieghu, ghaliex hu qatt ma jaghmel storbju. Jerga' jtenni ghal darbtejn ohra li l-attrici jiteressawha biss il-flus u ghamlet minn kollox biex tbieghed lilu mill-minuri, tant li ghamlet rapport falz fil-konfront tieghu. Il-konvenut jtenni li l-partijiet joqghodu vicin xulxin, allura m'ghandux ikun hemm problema dwar l-access. Huwa jghid li jrid raguni ghalfejn qieghed jinqata' kollox kontrih.

Il-konvenut jerga' jixhed *viva-voce*[5] fejn jghid li ghalkemm il-partijiet joqghodu zewg minuti l-boghod minn xulxin, huwa jigbor lil bintu minn fejn l-Ghassa tal-Pulizija. Huwa jghid ukoll li jahdem mat-*Tolly Products* u ghandu paga ta' madwar €1100 f'idu.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Flimkien ma' l-affidavit tieghu, l-konvenut jipprezenta dokument datat 28 ta' Frar 2014 li jindika li l-konvenut jahdem mas-socjeta' *Toly Products Limited* u jahdem fuq *day basis* mis-6.30am sat-3pm[6]. Huwa jipprezenta wkoll diversi ritratti tat-tifla tal-partijiet wahedha fil-kumpanija tal-familjari tieghu, kif ukoll mieghu[7]. Ritratti ohra tat-tifla gew prezentati li juru t-tifla b'xi gdim tan-nemus li l-konvenut jghid li dawn jsiru meta t-tifla tkun ma' l-attrici[8]. Ritratt ta' xi kaxxi tal-medicina gie ezebit mill-

---

[5] Ara xhieda datata 30 t'April 2015 u xhieda datata 22 ta' Ottubru 2015 a fol 105 u 107 rispettivament tal-process numru 90/2014 fl-ismijiet D C vs B A

[6] Ezebit a fol 50 tal-process numru 90/2014AL fl-ismijiet D C vs B A

[7] Ezebit a fol 51 sa 62 tal-process numru 90/2014AL fl-ismijiet D C vs B A

[8] Ezebit a fol 63 sa 65 tal-process numru 90/2014AL fl-ismijiet D C vs B A

konvenut[9]. Giet ezebita wkoll kopja ta' certifikat mediku tal-minuri minn Dr. Alexander Lia[10].

Il-konvenut ezebixxa wkoll zewg *cd roms* bit-traskrizzjoni maghhom ta' dak li qieghed jinghad fihom[11].

Illi xehed ukoll permezz ta' affidavit kollega tal-konvenut[12] Vince Camilleri, li jghid li ilu jaf lill-konvenut ghoxrin sena u huwa persuna li jiehu hsieb l-affarijiet tieghu, tant li jzomm il-karozza tieghu nadifa. Hu jghid li l-konvenut ghandu relazzjoni tajba ma' bintu u li l-konvenut jiccahhad minn certu affarijiet biex izomm lit-tifla kuntenta, u li jisma' lill-konvenut waqt il-hin tax-xoghol jghid x'joqghod jaghmel mat-tifla. Jzid jghid li l-konvenut ihoss talli ma jistax jara lit-tifla tieghu kuljum.

Jixhed ukoll Carmelo Aquilina permezz ta' affidavit[13] li jghid li ilu jaf lill-konvenut ghal tletin sena u li l-konvenut jiehu hsieb il-karozza tieghu. Ix-xhud jigi r-ragel t'oht il-konvenut u johrog spiss mal-konvenut u mat-tifla tal-partijiet peress li huma wkoll ghandhom tifla zghirha. Huwa jikkonferma li l-konvenut wkoll jaghmel l-ahjar li jista' ghal bintu u jghid ukoll li t-tifla gieli tinforma lill-missierha li ma tkunx trid tmur ghand ommha l-attrici. Huwa jghid li kif il-minuri tara lill-missierha, l-ewwel haga li taghmel tmur tghannqu ghaliex thobbu. Jghid ukoll li l-konvenut mohhu fit-tifla biss u jmaqdar lill-attrici ghaliex ma jistax jifhem kif kienet toqghod minghajr it-tifla meta lanqas biss kienet tahdem kif ukoll ghaliex ukoll l-ikel li kienet tibghat ghat-tifla l-konvenut kien jispicca jarmih. Itemm ix-xiehda tieghu billi jghid li l-minuri u l-konvenut ma jghixux minghajr xulxin u li l-konvenut hu kapaci li jzomm it-tifla mieghu.

---

[9] Ezebit a fol 66 tal-process numru 90/2014AL fl-ismijiet D C vs B A
[10] Ezebit a fol 67 tal-process numru 90/2014AL fl-ismijiet D Christipher vs B A
[11] Ezebiti a fol 69 sa fol 76 tal-process 90/2014AL fl-ismijiet D C vs B A
[12] Ezebit a fol 98 tal-process 90/2012AL fl-ismijiet D C vs B A
[13] Ezebit a fol 100 tal-process 90/2012AL fl-ismijiet D C vs B A

Illi tixhed ukoll il-mara ta' hu l-konvenut Dorianne D[14]. Hija tghid li kemm ilha li twieldet il-minuri, hajjet il-konvenut inbidlet totalment. Tghid li l-konvenut ma jhalli lil bintu nieqsa minn xejn u huwa koncentrat hafna fuqha, tant li l-hrug tieghu jaghmlu f'postijiet fejn it-tifla tiehu pjacir. Hi tghid li t-tifla ma toqghodx minghajr il-konvenut. Tghid li meta  isir il-hin biex it-tifla tmur ghand ommha, ma tkunx trid tmur u anzi zzid tghid li thoss li t-tifla ghandha certu biza' meta tkun ma' ommha.

Illi fuq rikjesta tal-konvenut, il-Qorti hatret l-Avukat tat-tfal[15] li innotat li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet marret hafna ghall-ahjar u qeghdin jaqblu bejniethom fuq diversi kwistjonijiet li jirreferu ghat-trobbija ta' binthom. Hija ghamlet ukoll ir-rakkomandazzjonijiet taghha fir-rigward tal-kura u kustodja u l-access tal-minuri.

**<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja</u>**

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[16] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[17] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[18] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

*Il-Qorti tara li l-konvenut ghamel diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-attrici, liema allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod ippruvati jew issostanzjati. Certament li lil din il-Qorti ma*

[14] Ezebit a fol 102 tal-process
[15] Rapport ezebit a fol 153 tal-process 90/2014AL D C vs B A
[16] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[17] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[18] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

*jirrizultawliex l-estremi legali ghalfejn l-attrici ghandha tigi zvestita mill-kura u kustodja ta' bintha minuri. Anzi, dejjem kienet il-prassi ta' din il-Qorti li fejn tista' ma tfixkilx hajjet il-minuri, b'dan li l-hajja tal-minuri ghandha dejjem tinzamm kemm jista' jkun uniformi u kostanti, ghaliex hekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri. Jispikka l-fatti li l-partijiet effettivament qeghdin jaqblu bejniethom fuq kwistjonijiet tat-trobbija tat-tifla, u dan it-tip t'agir huwa inkoraggit mill-Qorti. Huwa fl-interess tal-minuri li titrabba b'mod seren, 'l-boghod minn kull ambjent kontenzjuz u ta' glieda.*

*Il-Qorti fil-fatt tara li kemm l-attrici u kemm il-konvenut ghandhom interess qawwi fil-minuri, il-minuri dejjem ghexet ma' l-attrici ommha mindu twieldet u l-konvenut dejjem ha interess, tant li llum igawdi minn relazzjoni tajba hafna ma' bintu. Ghalhekk il-Qorti thoss li fl-ahjar interess tal-minuri li z-zewg partijiet huma indoneji, f'dan l-istadju, li jkunu fdati t-tnejn li huma bil-kura u kustodja tal-minuri K D, b'dan li l-minuri tkun tirrisjedi principalment ma' ommha l-attrici. Ghalhekk iz-zewg partijiet ghandhom ikunu partecipi b'mod attiv fil-hajja tal-minuri, b'dan li huma ghandhom konguntivament fl-interess tal-minuri jiehdu kull decizjoni relatata mat-trobbija taghha flimkien.*

***<u>Access</u>***

*In linea ma' dak ga deciz li l-minuri tkun tirrisjedi principalment ma' ommha l-attrici, jonqos ghalhekk li din il-Qorti tordna l-access tal-minuri ghal missierha l-konvenut. Il-Qorti thoss li ghandha taghmel taghha l-konkluzjonijiet ta' l-Avukat tat-Tfal u cioe' li l-access tal-konvenut ghall-minuri K D ikun bil-modalita' segwenti:*

*Matul il-gimgha l-access ikun kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-4pm sas-6pm, fil-waqt li fil-*week-end *jkun is-Sibt mill-4pm sal-Hadd fil-5.30pm u l-gimgha ta' wara b'mod alternat*

*l-access ikun nhar ta' Tlieta u l-Hamis mill-4pm sas-6pm u fil-*week-end *mill-Gimgha fl-4pm sas-Sibt fil-5.30pm, u jibqa' jigi alternat hekk kull gimgha.*

*Il-Qorti tordna wkoll li fil-gurnata ta' gheluq snin il-minuri, l-konvenut iqatta mill-4pm sas-7pm mal-minuri, anke jekk din il-gurnata ma tinzertax waqt il-gurnata ta' l-access tieghu.*

*Il-Qorti tordna li fil-vaganzi tas-Sajf tal-minuri meta l-minuri ma jkollhiex skola, l-access ikun bil-modalita' segwenti u cioe': matul il-gimgha l-access ikun kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-4pm sas-7pm, fil-waqt li fil-*week-end *jkun is-Sibt mill-4pm sal-Hadd fit-8pm u l-gimgha ta' wara b'mod alternat l-access ikun nhar ta' Tlieta u l-Hamis mill-4pm sas-7pm u fil-*week-end *mill-Gimgha fl-4pm sas-Sibt fil-8pm, u jibqa' jigi alternat hekk kull gimgha.*

*Il-Qorti tordna li fis-sena kurrenti, l-minuri tqatta lejlet il-Milied u l-gurnata tal-Milied ma' l-attrici ommha, b'dan li l-konvenut ikollu access ghall-minuri fil-gurnata tal-Milied mill-4pm sas-7pm, anke jekk din il-gurnata tinzerta gurnata ta' l-access ghall-missier, u l-minuri ghalhekk ghandha tqatta lejlet l-ewwel tas-sena tas-sena kurrenti u l-gurnata ta' l-ewwel tas-sena ma' missierha l-konvenut, b'dan li hu ghandu jiehu lill-minuri lejlet l-ewwel tas-sena fl-4pm sa l-4pm tal-gurnata ta' l-ewwel tas-sena, biex wara l-4pm tal-gurnata ta' l-ewwel tas-sena, l-minuri tkun ma' ommha l-attrici, anke jekk din il-gurnata tkun gurnata ta' access ghall-konvenut. Is-sena ta' wara, dan l-arrangament ghandu jalterna, b'dan li l-minuri tqatta' lejlet il-Milied u l-gurnata ta' l-Milied ma' missierha l-konvenut u lejlet l-ewwel tas-sena u l-gurnata ta' l-ewwel tas-sena ma' ommha l-attrici, skont il-hinijiet hawn fuq indikati u jibqa' jalterna hekk kull sena.*

*Il-Qorti ma taqbilx li l-attrici tibqa' tiehu lil bintha ghall-access vicin l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, ghaliex ma thossx li dan*

*hu ambjent komdu ghall-minuri. Ghalhekk tistieden lill-partijiet biex kemm jista' jkun jiftehmu fuq min ghandu jigbor lill-minuri u minn fejn, izda f'nuqqas ta' ftehim, il-Qorti tordna li fil-hin ta' l-access l-attrici tiehu lit-tifla fir-residenza ta' missierha l-konvenut minghajr dewmien u fi tmiem l-access il-konvenut jiehu lit-tifla fir-residenza ta' ommha l-attrici fil-hin. Il-Qorti qeghda tissolecita lill-partijiet sabiex jiftehmu, in vista tal-fatt li l-partijiet jghixu daqstant vicin xulxin.*

**Manteniment**

F'dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

ghall-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skont il-hila, xehtiet naturali u l-aspirazzjonijiet tal-ulied*."

u ghall-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment tal-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-

ġenituri versu l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u edukazzjoni tagħhom u skont il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut. Fil-każ odjern, il-Qorti m'għandhiex prova ta' l-introjtu ta' l-attriċi iżda għandha l-prova ta' l-introjtu tal-konvenut, li għandu paga sostanzjali. It-tifla minuri hija prijorita' u tiġi l-ewwel u qabel kollox u irrispettivament jekk il-konvenut għandux qiegħ *o meno* il-Qorti ser tgħaddi biex tistabilixxi retta alimentarja li għandha tithallas mill-konvenut lill-attriċi bħala manteniment għal binthom K D. Dan il-Qorti se tagħmlu minkejja l-argument li ġab il-konvenut li l-attriċi qed tagħmel dan kollu għall-flus, liema allegazzjoni ma ġietx ippruvata u l-Qorti ma tarax illi din il-kawża saret minħabba li l-attriċi qed tagħmel għall-flus. Huwa obbligu taż-żewġ ġenituri li jmantnu lil uliedhom.

F'dan il-kuntest il-Qorti tħoss li jkun ewku u ġust li l-konvenut jiġi ordnat li iħallas is-somma ta' mitejn u sebgħin Ewro (€270) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għall-minuri K D. Jiġi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjeż relattivi mas-saħħa u edukazzjoni ta' l-istess tifla. Il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi jkun aktar prattiku li l-konvenut iħallas somma fissa fix-xahar milli jħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u l-edukazzjoni bir-riċevuti. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq it-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement issir maġġorenni u tkun qed tistudja fuq bażi *full-time*, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri tieqaf tistudja fuq

bazi full-time jew tilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tifla K D. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

**Decide**

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri K D tigi fdata b'mod kongunt bejn il-partijiet, b'dan li l-minuri tkun tirrisjedi b'mod ordinarju ma' l-attrici u tordna li l-access tal-minuri favur il-missier il-konvenut jigi segwit bil-modalita' kif stabbilita' minn din il-Qorti f'din is-sentenza fil-parti intitolata **Access**;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-beneficcji jew ghajnuna socjali pagabbli lill-minuri jigu percepiti mill-attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba, u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri K D s-somma ta' mitejn u sebghin Ewro (€270) kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess bint. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm l-istess tifla tilhaq l-eta maggorenni. Jekk l-istess tifla sussegwentmenet issir maggorenni u tkun qed tistudja fuq bazi full-time, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess tifla tilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' sehh l-ewwel u f'kaz li t-tifla tkun lahqet l-eta maggorenni u ma tibqax tghix ma' l-attrici ommha, allura l-manteniment

dovut ghandu jibda jithallas direttament lilha. Tordna wkoll li l-hlas tal-manteniment ghandu jinqata direttament mis-salarju tal-konvenut;

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.